MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16/8

It-Tlieta 17 ta' Diċembru 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella - Sindku
Mark Anthony Sammut - Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

John Mary Calleja – Viċi Sindku
Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Antoinette Azzopardi - Deputat Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

016.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

016.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (15/8 [02/12/19]);

016.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

016.4 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa pubblika annwali li saret fit-02 ta' Diċembru 2019;

016.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

016.6 Rapporti;

016.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

016.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

016.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.53pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**16.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

16.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi kemm is-Sur JM Calleja u kif ukoll Sa. M. Micallef ma setgħux ikunu preżenti għal-laqgħa peress li kienu jinsabu indisposti u għaldaqstant talbu li jkunu skużati. Il-Kunsill ħa nota ta' dawn l-apoloġiji u għaldaqstant dawn ġew milqugħa. Għal kull buon fini tal-proċedura, is-Sur JM Calleja u Sa M. Micallef ġew ikkonsidrati bħala skużati u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**016.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (15/8 [02/12/19])**

016.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

016.2.2 Il-Kunsill b'mod unanimu approva dawn il-minuti nru 015/8 nem con.

**016.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

016.3.01 Dawl tat-toroq li kien jinsab maqtugħ. Is-Sindku infurmat illi diversi toroq kienu jinsabu bid-dawl tagħhom maqtugħ imma issa dan id-dawl ġie rranġat min-naħa tal-Enemalta.

Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni illi kien hemm 3 rifletturi maqtugħin fi Ġnien R. Caruana. Għandu jsir rapport lill-kuntrattur tal-Kunsill sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

016.3.02 L-attività - Milied ta' Dari – 22 ta' Diċembru 2019. Għal waqt l-attività se jkunu preżenti kemm is-Sindku kif ukoll is-Sur MA Sammut u s-Sur S Caruana. Se tiġi wkoll ikkonfermata l-attendenza kemm tal-Viċi Sindku u kif ukoll tal-Kunsillier M Micallef.

Is-Sindku qalet li peress hemm bżonn ta' għajnuna sabiex jiġu ppreparati l-affarijiet għal din l-attività hemm bżonn li l-ħaddiema (kull min jista') jidħol overtime kemm is-Sibt kif ukoll il-Ħadd minn filgħodu sa' filgħaxija. Il-Kunsill approva dan l-overtime. Is-Sindku qalet li hemm bżonn ta' mezz ta' trasport mill-Kunsill sal-pjazza u għalhekk għandha ssir talba lill-Viċi Sindku sabiex jekk huwa possibbli l-Kunsill jiġi misluf il-van tiegħu.

Il-Kunsill ġie infurmat illi l-istands għall-għaqdiet se jiġu mislufa (mingħajr ħlas) mill-Parroċċa fejn fuqhom saru xi manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill. Dawn l-istands se jintramaw mill-Parroċċa l-Ħadd filgħodu stess.

Christmas Tree. Il-flixken tal-ħġieġ se jintramaw forma ta' Christmas Tree fi Triq San Ċiru l-Ħadd filgħodu u żarmar se jsir il-Ħadd stess mill-10pm 'il quddiem.

Wirja tal-Presepji. Din it-tema għadha pendenti minħabba l-użu tal-Knisja tal-Lunzjata. Il-Kunsill għandu jiġi infurmat kemm-il darba jintlaħaq ftehim dwar l-użu ta' din il-Knisja qabel l-attività u kif ukoll għandha titbagħat ċirkulari mal-Gudja kollha sabiex kull min hu interessat li jieħu sehem f'din il-wirja jinforma lill-Kunsill. F'każ li ma jintlaħaqx ftehim din il-wirja ma ssirx.

Inviti. Ġie ssuġġerit li jintbagħtu l-inviti lill-Għaqdiet kollha tar-raħal kif ukoll invit lir-Reġjun Nofsinhar fejn dan ikun miftuħ għall-Kunsilli Lokali kollha li jagħmlu parti mir-Reġjun. Għandu wkoll jitqassam kopja tal-powster tal-attività lir-residenzi kollha tal-Gudja.

Stands. Is-Sur Caruana ssuġġerixxa li tintbagħat imejl lill-Għaqdiet li se jieħdu sehem fl-attività dwar dak li ġie miftiehem fil-laqgħat tas-Sotto Kumitat, bl-affarijiet li se jkunu qed ibigħu, skont kif ġej:

Għaqda Mużikali Marija Assunta – Bar u torti (pies)
Soċjetà Filarmonika La Stella – Bar u ħelu
Parroċċa - Bar, timpana u hotdogs
Grupp Żgħażagħ Gudja – Mulled wine u qastan

Dwar l-istand tat-toys li se tintrama minn resident Gudjan, din ġiet approvata fis-Sotto Kumitat u għalhekk se jingħata posta fil-pjazza sabiex jarma l-istand tiegħu.

Bnadar. Il-Kunsill iddeċieda li fuq iz-zuntier se jintramaw il-bnadar kemm tal-Gudja, ta' Malta u din tal-Ewropa. F'każ li jkun possibbli se tintrama mejda bil-kotba li għandu l-Kunsill sabiex kull min jixtieq ikun jista' jixtri kopja.

Presepju ħaj. Is-Sur Caruana informa lill-Kunsill li bejn wieħed u ieħor hemm xi 30 tifel u tifla li se jieħdu sehem f'dan il-Presepju. Sabiex ħadd ma jitħalla barra, ġie ssuġġerit sabiex tintbagħat ċirkulari mal-Gudja kollha biex kull min jixtieq jieħu sehem f'dan il-Presepju, jagħmel kuntatt mal-Kunsill qabel l-attività. Sar qbil li lil dawn it-tfal il-Kunsill jagħtihom qagħqa tal-għasel bħala ringrazzjament tas-sehem tagħhom.

Purċissjoni bil-Bambin. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li se ssir purċissjoni bil-Bambin mill-Museum, għal Triq Sta Katarina, Triq San Ċiru għall-Knisja.

Mwejjed u siġġijiet. Is-Sindku qalet li l-għaqdiet/każini l-oħra li mhux se jieħdu sehem f'din l-attività, jistgħu jarmaw b'xi mwejjed u siġġijiet fuq barra iżda mhux ikel. Dwar l-imwejjed u siġġijiet il-Kunsill għandu jkun infurmat min se jarma.

Dawl tal-Milied. Ġie ssuġġerit li d-dawl tal-Milied tat-toroq dakinhar tal-attività għandu jixgħel mill-4pm 'il quddiem

Fotografu. Is-Sindku ssuġġerit li waqt l-attività jkun hemm fotografu li jieħu r-ritratti sabiex dawn jibqgħu rikordju għall-Kunsill. Ġie ssuġġerit illi peress li fil-Gudja hawn ħafna min hu deletant, għandu jinstab xi ħadd volontarju sabiex jieħu xi ritratti tal-attivitajiet li jkunu għaddejjin minn ħin għal ħin.

Uffiċjali tal-Komunità. Is-Sindku infurmat illi s-servizz ta' dawn l-uffiċjali għandhom pendenti peress li ma hemmx nies disponibbli. F'każ li dan is-servizz ma jkunx jista' jingħata min-naħa tal-LESA, se jsiru l-arranġamenti meħtieġa mal-Pulizija.

Poinsettias. Is-Sindku ssuġġerit u l-Kunsill qabel sabiex jinxtraw 14-il poinsettias sabiex jitpoġġew 2 ma' kull stand tal-għaqdiet, sabiex b'hekk ikun hemm aktar atmosfera tal-Milied.

Minuti. Is-Sur Caruana ġibed l-attenzjoni lis-Sindku sabiex jitlestew u jitqassmu l-minuti tal-laqgħat tas-Sotto Kumitat Kultura li saru sabiex b'hekk jinżammu r-rekords u kif ukoll tkun tista' ssir referenza għalihom fl-attivitajiet futuri.

016.3.03 Bus Shelter tal-Mitħna. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi peress li dan il-bus shelter tal-ġebel (li riċentament saritlu ħsara minn xi inċidenti) jinsab ta' periklu, għandu jaqa' u jitneħħa. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ b'urġenza sabiex jaqa', jitneħħa u titnaddaf l-area tiegħu. Aktar 'il quddiem il-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk dan il-bus shelter jerġax isir jew le peress li dan ma jintużax għal bus stop.

016.3.04 Siġar Vjal it-Torri. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar bżonn ta' żabra lis-siġar ta' Vjal it-Torri, il-Gudja. Is-Sur Caruana qal li hemm fergħa kbira li qiegħda mal-art fejn jidher li din waqgħet bil-maltemp li għamel. Il-Kunsill iddeċieda li jsir ix-xogħol meħtieġ b'urġenza fuq is-siġar li hemm perikolużi f'din iż-żona.

016.3.05 One way Triq il-Kbira. Is-Sindku rreferit għat-tabelli eżistenti li hemm tal-one way fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Wesgħet Anġlu Dalli li qegħdin 'except for residents'. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li għandu jitlob l-approvazzjoni tat-TM sabiex din il-one way issir one way għal kulħadd u mhux ħlief għar-residenti biss.

016.3.06 Skart. Is-Sindku ssuġġerit u l-Kunsill qabel li għandha titqassam ċirkulari bil-Malti u bl-Ingliż dwar id-diversi servizzi ta' ġbir ta' skart fil-Gudja. Din għandha titbagħat f'kull residenza madwar il-Gudja.

016.3.07 Konsultazzjoni Pubblika dwar il-parkeġġ. Is-Sindku qalet li huwa fil-ħsieb tagħha li s-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jsejjaħ konsultazzjoni pubblika sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni għall-parkeġġ ġewwa l-Gudja. F'dan l-istadju s-Sur MA Sammut staqsa xi progress sar dwar il-Bye-Law li l-Kunsill ta' qabel kien ipprepara u ppreżenta għall-approvazzjoni lill-Ministru kkonċernat sabiex din il-Bye-Law tkun tista' tiġi attwata. Is-Sindku qalet li se ssir laqgħa mal-Ministru kkonċernat dwar din it-tema.

016.3.08 Urban Greening 2020. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ġie magħżula għal Urban Greening 2020. Għal din l-iskema l-Kunsill għandu jagħżel area/triq sabiex isiru t-tħejjijiet meħtieġa u jinħarġu t-tenders/kwotazzjonijiet kif meħtieġ.

016.3.09 Ikla tal-Milied. Is-Sindku ssuġġerit sabiex issir ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill kollu. Ġie ssuġġerit li din issir fl-10 ta' Jannar 2020. Aktar dettalji se jintbagħtu lill-kulħadd.

016.3.10 Performance bonuses. Din it-tema se titressaq f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

Sospensjoni tal-aġenda Peress li Kunsillier S. Caruana ma setax aktar ikun preżenti fil-laqgħa minħabba impenji oħra, il-Kunsill b'mod unanimu qabel li tiġi diskussa tema 016.8 filwaqt li jinżamm il-kworum tal-laqgħa.

**016.8.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

016.8.1 Il-lista ta' pagamenti nru 05/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier MA Sammut u ssekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €25,106.36, u ġiet approvata nem con.

**016.9.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

016.9.1 Peress li kien se jkun hemm nuqqas ta' kworum minħabba li l-Kunsillier S. Caruana ma setax aktar ikun preżent fil-laqgħa minħabba impenji oħra, is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-7.06pm. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2020 fis-6.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. It-temi pendenti ta' din il-laqgħa se jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

Konfermati, illum ________________________

Dr. Marija Sara Vella
Sindku

Antoinette Azzopardi
Deputat Segretarju Eżekuttiv